MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2003

Talba Numru. 2657/2002

***Dingli Co. International Limited bhala mandatrici tas-socjeta' estera The Performing Right Society Limited ta' Londra, Ingilterra***

***vs***

***Loga Co. Limited***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-6 ta' Novembru, 2002, fejn intalab li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici nomine s-somma ta' mitejn u sitt liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm206.25) rappresentanti in kwantu ghal Lm119.35 u Lm60, *royalties* dovuti bil-quddiem in konnessjoni mal-licenzji numri 011499 (Dokument A anness ma' l-avviz) u 011502 (Dokument B) rispettivament rilaxxjati mis-socjeta' attrici a favur tal-konvenut rigwardanti l-istabbiliment "The George Bar", il-Qawra u Lm29.60 Taxxa fuq il-valur

Mizjud ghall-perijodu mis-6 ta’ Mejju 2002 sal-5 ta’ Mejju 2003.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra legali tal-31 ta’ Lulju 2002 u bl-imghaxijiet kummercjali dovuti fuq is-somma mitluba mid-data tal-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv, kontra s-socjeta’ konvenuta.

Ra li s-socjeta’ konvenuta debitament notifikata baqghet ma dehritx u lanqas ma pprezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda tal-P.L. Josette Attard ghan-nom tas-socjeta’ attrici nomine, li kkonfermat bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici nomine s-somma ta’ mitejn u sitt liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm206.25), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta’ konvenuta.

--------------------------------TMIEM--------------------------------